# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 229 – Il-Hamis, 13 ta' Jannar, 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 228 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI NRU 228

## 2.1 Attività tal-Milied

Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa min kien li ħa d-deċiżjoni dwar l-għażla tal-post fejn għandha titwaħħal din is-siġra u kif hu ma ġiex ikkonsultat billi hu (Cassar) għandu d-dikasteru tas-siġar.

Il-Kunsillier Joe Sammut qal li dik is-siġra kienet waħda li nqalgħat u ngħatat lill-Kunsill bħala siġra dekorattiva tal-Milied u mhux bħala siġra ħajja. Din kellha titwarrab wara l-Milied, kif fil-fatt ġara, u għalhekk ma jarax kif din taqa' taħt xi dikasteru.

Rigward il-post fejn tpoġġiet, dan intgħażel għaliex hemm kien hemm l-akbar toqba li setgħet titpoġġa fih.

Is-Sindku qal li kien irrappurtat lilu li din is-siġra allegatament ikkontribwiet għal inċident tat-traffiku u għalhekk kien ta l-ordni biex titneħħa immedjatament. Hu appella biex fil-ġejjieni jkun hemm aktar kordinazzjoni u kommunikazzjoni.

## 2.2 Użu tal-Pjazza

Il-Kunsillier Joe Sammut qal li f'kull attività diversi persuni li għandhom negozju fil-pjazza igergru fuq l-għeluq tal-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li ġieli f'okkażjonijiet ta' tiġijiet il-Kunsill jintalab li jagħmel tabelli temporanji ta' "No Parking".

Il-Viċi Sindku ppropona li meta jkunu ser jiġu organizzati attivitajiet fil-pjazza, kemm dawn organizzati mill-Kunsill kif ukoll dawk minn għaqdiet lokali jew terzi persuni, l-organizzatur tal-attività jkun obbligat jagħmel laqgħa ta' informazzjoni għan-negozji tal-pjazza, kif ukoll jipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-Kunsill biex ikun il-koordinazzjoni sħiħa.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.3 Ostaklu fuq bankina fi Triq l-Imwieġel

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu m'għamilx kuntatt mal-Enemalta dwar din il-materja, u qal li kien se jagħmel dan fil-jiem li ġejjin.

# 3. FINANZI

## 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

**3.2 Performance Bonus**

Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* għal massimu li tippermetti l-liġi. Huwa ippropona wkoll li l-impjegati, jiġifieri Ms Ritienne Giorgino, Ms Maria Muscat u Ms Agnese Borg jingħataw ukoll il-*performance bonus* għal massimu li tippermetti l-liġi.

Il-Viċi-Sindku issekonda bil-Kunsill jaqbel b'mod unanimu.

**3.3 Allokazzjoni finanzjarja għaċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku qal li skont stima preliminarja l-ispiża biex jitwettaq il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku ser tkun ta' madwar €400,000.

Il-Viċi-Sindku ippropona li l-Kunsill jiffinanzja l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku b'dan il-mod:
- €100,000 li l-Kunsill diġà alloka għall-proġett skont mozzjoni approvata waqt is-seduta li nżammet nhar il-11 ta' Frar 2010;
- €90,000 mill-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2011;
- €70,000 mill-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2012;
- €70,000 mill-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2013; u
- €70,000 mill-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2014.

Il-Viċi Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill għandu joħroġ *tender* li jkun ikopri l-maġġoranza l-kbira tax-xogħlijiet li jeħtieġ li jsiru biex jitwettaq il-proġett b'dan illi l-imsemmi *tender* għandu jkun abbażi ta' *lump sum* bil-ħlas lill-offerent rebbieħ isir fuq numru ta' snin sas-sena 2014.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo ssekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi Sindku ppropona wkoll li matul is-seduta li jmiss tal-Kunsill għandhom jiġu diskussi d-dettalji tat-*tender* li għandu jinħareġ mill-Kunsill biex ikun jista' jitwettaq il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sindku ssekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1 Talba għal *Reserved Parking*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-sur Joe Attard ta' 26, Triq San Nikola, għamel talba ma' Transport Malta għal *reserved parking* minħabba diżabilità. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni.

Il-Kunsillier Dr Mark A Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.2 Talba dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier Jesmond Tanti kienu wassallu ittra mingħand is-Superjur Tal-Mużew – Sezzjoni Maskili li fiha għamel diversi suġġerimenti dwar l-immaniġġjar tat-traffiku. Ma' din l-ittra kienet mehmuża petizzjoni li tipproponi biex Triq il-Knisja l-Qadima issir "One Way" minħabba l-periklu għat-tfal waqt il-ħin tal-Mużew.

Il-Viċi-Sindku ippropona li din il-materja tiġi diskussa fis-seduta li jmiss u li r-residenti tat-triq ikunu infurmati biex ikunu jistgħu jattendu.

Il-Kunsillier Joe Sammut isskeonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5. KUNTRATTI

## 5.1 Resurfacing of Roads

Is-Sindku qal li wara li riċentament kienet aġgudikata l-offerta tar-Resurfacing of Roads, u li l-kuntratt kien ingħata lill-Bonnici Brothers Ltd., huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien iltaqa' ma' rappreżentant ta' din il-kumpanija biex ifasslu program ta' xogħol.

Is-Sindku kompla jgħid li l-kumpanija qalet li x-xogħolijiet murija lilha ma kienx resurfacing iżda patching. Is-Sindku qal li fil-passat dan ix-xogħol dejjem tqies mill-Kunsill bħala resurfacing.

Għalhekk intalbet l-opinjoni tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali li min-naħa tiegħu qal li hu tal-opinjoni li għandha toħroġ tender għall-patching.

Is-Sindku qal li reġa' kiteb lid-Direttur għall-kjarifika u qed jistenna proposta. Huwa ippropona li fil-kas li jkun hemm mil-ħtieġa li toħroġ tender tal-patching, is-Segretarju Eżekuttiv jagħmel dan minnufih u jkun jista' jagħmel dan qabel is-seduta li jmiss.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 6. HWEJJEĠ OHRA

## 6.1 Parking Bays fi Triq Santa Margerita

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet saret talba mis-sur Saver Baldacchino biex fl-ewwel parti ta' Triq Santa Margerita, isiru l-parking bays.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba.
Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.2 Rimbors tal-flus allegatament misruqa mill-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ammont ta' €500 li allegatament kienu nsterqu mill-Kunsill f'Awwissu li għadda ġew rifondati mill-kumpanija tal-assikurazzjoni.

## 6.3 Żjara tal-Onor. Chris Said

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar, fis-6:30 pm l-Onor Chris Said kien se jżur il-Kunsill biex jiltaqa' mal-istudenti tal-Life Long Learning.

## 6.4 Appart Elettroniku *written off*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' apparat elettroniku li l-kuntrattur tal-IT qal li huwa bil-ħsara u li ma jissewix. Il-lista tinkludi: HP Laser Printer 2300L, 5 monitors CRT, HP Server, Epson Printer, HP Deskjet printer 3325, 3 UPS u Tower.

Is-Sindku ippropona li dawn l-oġġetti għandhom jiġu written off mill-kotba tal-Kunsill.
Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.5 Festival of Fire & Lights

Is-Sindku, wara li talab il-permess tal-Kunsill stieden lis-sur Nicholas Spiteri biex jitkellem dwar dan il-proġett. Spiteri qal li kien se jissottometti talba mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu biex jorganizza diversi festivals ta' nar sinkronizzat u dwal artifiċjali fi Pjazza San Nikola, u talab lill-Kunsill il-kollaborazzjoni u l-approvazzjoni tiegħu għal dawn l-attivitajiet. Huwa kompla jgħid li mhux qed jitlob impenn finanzjarju min-naħa tal-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li bħala Kunsill għandna ninkoraġġixxu dawn l-attivatijet u nagħtu s-support kollu tagħna. Huwa kompla jipproponi li wieħed minn dawn il-festivals jista' jkun marbut ma' Jum is-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.6 Preżentazzjoni minn Profs Joseph Falzon dwar id-Dar għall-Anzjani.**

Is-Sindku, bil-permess tal-Kunsill talab lil Profs Falzon biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu.

Profs Falzon qal li tinħass ħtieġa kbira li fis-Siġġiewi jkun hawn Dar għall-Anzjani u li tkun tospita fiha wkoll persuni b'diżabiltà. Il-Grupp Solidarjetà tas-Siġġiewi kien qed jaħseb biex iwaqqaf Fondazzjoni li tistieden lill-pubbliku biex jipparteċipa fit-twaqqif ta' din id-dar b'diversi skemi finanzjarji.

Wara diskussjoni, is-Sindku stieden lill-Profs Falzon biex jiltaqa' mal-Kumitat Ċentru Ċiviku. Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo għandu jkun il-*liason* bejn Profs Falzon u l-Kumitat Ċentru Ċiviku.

**6.7 Sitwazzjoni ta' Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li kien irċieva r-rapport magħmul mill-Perit DH Camillieri dwar is-sitwazzjoni f'Għar Lapsi. Fost ħwejjeġ oħra din ir-rapport jgħid:-

(i) Stabilization of the rock face via rock bolting and guntling, besided the expense, which possibly will not give the desried resutl, could be deemed to be environmentally unacceptable;
(ii) Extednign the concrete pathway towards the shore's edged is deemed possible, but will probably not get the green light from MEPA;
(iii) Hoarding works should be kept in place;
(iv) Installation of a removable pontoon to gain access to the opposite side of the cove;

Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li kien stieden lis-sur Antoine Cassar biex bħala espert f'dan il-qasam jaqsam l-opinjoni tiegħu. Is-Sindku wara li talab il-permess tal-Kunsill stiednu biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu.

Is-sur Cassar qal li f'istwazzjonijiet simili bħal dawn l-ewwel isir survey sesmiku biex jiġi magħruf xjentifikament l-istat tal-blat. Wara, skont il-ħtieġa, isir bolting u shot creeting, biex il-blat jiġi stabilizzat. Mistoqsi dwar ċifra preliminari dwar kemm jikkalkula li dan il-proġett jiġi jiswa, huwa wieġeb li għalkemm huwa diffiċli ħafna li jagħti ċifra, iħoss li x-xogħlijiet ilaħħqu għal bejn €2 u €3 miljun.

Is-Sindku ippropona li tkompli segwita l-applikazzjoni mal-MEPA għall-estensjoni tal-pathway u jiġu informati l-Ministru tal-Kunsilli Lokali u l-Ministru tat-Turiżmu bis-sitwazzjoni.

Il-Kunsillier Nikol Cassar ippropona li fin-naħa ta' "Għereq Miżun" fejn riċentament ukoll waqa' xi blat, issiru tabelli li juru li hemm periklu.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qbael b'mo dunanimu.

**6.8 Rivista tal-Kunsill**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li f'Marzu toħroġ rivista oħra tal-Kunsill. Huwa għalhekk stieden lill-Kunsilliera biex iwasslu l-kitba tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv mhux aktar tard mill-15 ta' Frar, 2011. Kitbiet li jaslu wara din id-data ma jkunux jistgħu jiġu ikkunsidrati.

**6.9 Kunsill Lokali Żgħażagħ**

Il-Viċi Sindku qal li dan beda jiltaqa' u se jorganizzaw laqgħa li fiha l-pubbliku jkun jista' jagħti l-ideat tiegħu. Hu ippjanat li dan il-Kunsill jissottometti proġett mas-Segretarjat għaż-Żgħażagħ, u jekk dan il-proġett jintgħażel jirċievi s-somma ta' €7,000, b'dan illi l-Kunsill ikun meħtieġ jiffinanzja ammont addizzjonali ta' €3,000 biex ikun jista' jitwettaq il-proġett f'każ li jkun magħżul.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fis-6:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar is-Sibt, 5 ta' Frar fl-10.00am.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

**Il-Perit Robert Musumeci**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llumit-Tnejn 7 ta' Frar, 2011**

# APPROVAL OF PAYMENTS

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| cranes 2561 | | 2.33 |
| badges | | 3.50 |
| cranes 2555-2560 | | 16.31 |
| parking metres | | 17.40 |
| trenching | | 23.29 |
| kiosks buskett | | 24.00 |
| funland - christmas party 30/12/10 lcs49/07/43 | | 34.00 |
| books | | 57.00 |
| yoga jan10 | | 80.00 |
| cranes 2516-2554 | | 97.86 |
| funland - christmas party 30/12/10 lcs49/07/43 | | 145.00 |
| funland - christmas party 30/12/10 lcs49/07/43 | | 242.00 |
| weekend break 3-5/12/10 | | 244.00 |
| funland - christmas party 30/12/10 lcs49/07/43 | | 256.00 |
| bov sponsor wine festival | | 400.00 |
| mixja dar tal-providenza Government income | | 1000.00 |
| prize for national enterprise support awards | | 5000.00 |
| 3d - distribution of flyers laqgha pubblika inv2774 | 118.00 | |
| a.aquilina - attendance library dec10 23hrsx5.83 | 134.09 | |
| a.bonello - use of school afterhours oct-dec10 | 210.00 | |
| access point - usb gigabit adapter inv1512 | 28.73 | |
| agnes borg - dec10 bonus | 70.36 | |
| alex camilleri - pc dec10 inv43 | 847.43 | |
| alex camilleri - pc nov10 inv42 | 847.43 | |
| alexandra - weekend break 3-5/12/10 lcs49/07/42 | 1047.00 | |
| alfa - shelving for councillor's office | 479.93 | |
| anthony pace - christmas lights pjazza and council façade  po145/10 | 500.00 | |
| antonia aquilina - attendance library nov10 17hrsx5.83 | 99.11 | |
| arms - electricity dr n zammit 19/5/10-25/9/10 | 110.70 | |
| arms - electricity gnien albert fenech 19/5/10-24/9/10 | 80.25 | |
| atriga consulting - professional fees icw cohesion policy Nikola2 | 1180.00 | |
| [redacted] | | |
| b.grima - road markings paint po77/10 inv2216 | 88.50 | |
| b.grima - rumble strips main street inv2136 | 826.00 | |
| callus - planting public spaces dec10 inv1188 | 1452.30 | |
| cassie camilleri - clerikal works saturdays dec10 12hrsx7.2 | 86.40 | |
| central asphalt - cold asphalt for patching dec10 inv39238 | 734.75 | |
| charles camilleri - hire craine inv41 | 94.40 | |
| csd - stationery inv32797 | 146.55 | |
| defranco enterprises - wood for wine festival po56/10 inv36404 | 154.70 | |
| dhi periti - inspection and report damages ghar lapsi bay inv561 | 472.00 | |
| districts - patching wied xkora job257 inv2664 | 611.36 | |
| dlg - differenza avviz tmi laqgha pubblika 15/9/10 | 12.50 | |
| firm j aquilina - pole top/sphere inv19998 po3/11 | 68.00 | |
| funland - christmas party 30/12/10 lcs49/07/43 | 510.00 | |
| gabba auto tint - cherry picker  inv99 | 25.40 | |
| go - 21462946 nov10 | 24.02 | |
| go - 21465799/21465805 nov10 | 275.75 | |
| go - 21466000 nov10 | 20.03 | |
| go - 21468874 nov10 | 70.65 | |
| grace mizzi - cleaning council premises dec10 41hrsx4.66 | 191.06 | |
| j.borg - use of school afterhours oct-dec10 | 189.00 | |
| j.gatt - cm fee nov10 | 1111.62 | |

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| j.gatt - supervisor of works dec10 | 526.94 | |
| j.sammut - allowance july-dec10 (tax exempt) | 600.00 | |
| j.tanti - allowance july-dec10 (less 15%) | 510.00 | |
| john marmara - gas cylinder inv237 | 16.00 | |
| josephine mallia - refund aerobics course jan10 rec11040 | 20.00 | |
| k.aquilina - allowance july-dec10 (less 20%) | 480.00 | |
| klikk - computer agnes inv4318 | 658.00 | |
| klikk - ink cartridges printer inv4293 | 275.00 | |
| klikk - ups x 2 inv4278 | 158.00 | |
| kumitat kongunt - les dec10 invcjc324 | 768.21 | |
| kumitat kongunt - les nov10 invcjc318 | 709.72 | |
| lewis micallef - flower bouquet n.mizzi inv10013742 | 35.00 | |
| m.muscat - dec10 bonus | 135.10 | |
| m.schembri - use of school afterhours oct-dec10 | 182.00 | |
| m.vassallo - allowance july-dec10 (less 20%) | 480.00 | |
| mario mallia - bus shelters x 2 green inv998 | 7940.00 | |
| mary vassallo - refund aerobics course jan10 rec11041 | 20.00 | |
| michelle briffa - refund aerobics course jan10 rec11038 | 20.00 | |
| milord - cleaning non urban dec10 inv243 | 3753.46 | |
| n.baldacchino - dec10 bonus | 135.10 | |
| n.baldacchino - reimbursement petrol expenses dec10 | 88.00 | |
| n.cassar - allowance july-dec10 (tax exempt) | 600.00 | |
| nexos - 20 decorative lanterns inv2010023 | 14800.00 | |
| nexos - repair street lights inv2010033 | 1417.42 | |
| nicolai gatt - updating of website nov-dec10 inv5 | 120.00 | |
| nvc - operating materials po144/10 inv4189 | 51.69 | |
| nvc - operating materials po146/10 inv4188 | 16.68 | |
| nvc - operating materials po146/10 inv4191 | 4.22 | |
| nvc - operating materials po151/10 inv4192 | 1.80 | |
| p.cutajar - 3 boxes coffee inv539991 | 129.00 | |
| police - service 5/12/10 inv32160 | 153.11 | |
| r.giorgino - dec10 bonus | 135.10 | |
| r.musumeci - allowance july-dec + diff jan-june (1000 less 25%) | 750.00 | |
| r.musumeci - honoraria dec10 | 596.50 | |
| r.psaila - allowance july-dec10 (tax exempt) | 600.00 | |
| raymond attard - ss dec10 inv2579 | 3538.25 | |
| rita psaila - expenses icw christmas party 30/12/10 | 155.00 | |
| salaries dec10 | 4510.63 | |
| schembri garage - transport 16/11/10 inv51210 | 129.80 | |
| schembri garage - transport 3/12/10 - 5/12/10 weekend break | 94.40 | |
| schembri garage - trasnport 30/12/10 party | 165.20 | |
| secom - connections councillor's office inv5335 | 45.43 | |
| smart - 3 local council stamps inv14002768 | 72.46 | |
| smart - parchment paper inv13019177 | 123.90 | |
| smart - stationery inv13019347 | 146.91 | |
| tal-lira - christmas decorations to pay ritienne | 70.00 | |
| tdp - transport 9/9/10 grupp solidarjeta inv1281 | 47.00 | |
| union print - advert laqgha pubblika inv AI3862 | 68.91 | |